# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 25 ta' Novembru 2021**

**Kawza Numru: 5**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 1066/16 JVC**

**Maria Carmela *sive* Marlene Grech (K.I. nru 76951(M)) u Alfred Galea (K.I. nru 239848(M))**

**vs**

**Maria Dolores *sive* Marion Azzopardi u Eugenio Galea, Raymond u Joseph Galea**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti Marlene Grech et ikkonfermat bil-gurament u talbet kif isegwi:

1. ‘Il-genituri tal-partijiet, cioe` Giuseppa *sive* Josephine Galea u Carmelo Galea, mietu fit-3 ta’ Ottubru 2002 (Dok. CJ1) u fit-23 ta’ Marzu 2004 (Dok. CJ2) rispettivament.

2. Wara l-mewt ta’ omm il-partijiet fid-data hawn fuq imsemmija, permezz ta’ nota prezentata quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni Gurisdizzjoni Volontarja) fis-17 ta’ Marzu 2004 (Dok. CJ3), Saviour Galea (K.I. numru 1064446M), Michelina Saliba (K.I. numru 0609749M) u Philip Galea (K.I. numru 864461M) ilkoll ulied l-omm, iddikjaraw illi huma qeghdin jirrinunzjaw ghall-wirt taghha. Jidher illi Raymond Galea ghamet l-istess. B’daqstant jifdal bhala werrieta tal-omm: Alfred Galea (K.I. nru 239848(M)), Maria Carmela *sive* Marlene Grech (K.I. nru. 76951(M)), Marion Azzopardi, Raymond Galea, Joseph Galea u Eugenio Galea.

3. Min-naha tieghu, Carmelo Galea, missier il-partijiet, b’testmenti datat 29 ta’ Novembru 2001 (Dok. CJ4) innomina u istitwixxa bhala eredi universali, proprjetarji u padruni assoluti tal-gid kollu tieghu lit-tmien ulied tieghu, u cioe` lil Philip Galea, Salvatore Galea, Alfred Galea, Michelina mart Salvatore Saliba, Maria Carmela *sive* Marlene mart Grezzju Grech, Maria Dolores *sive* Marion mart Emanuel Azzopardi, Raymond Galea u Eugenio *sive* Gino Galea f’sehem indaqs. In oltre huwa halla ukoll b’titolu ta’ prelegat lill-ibnu Alfred Galea l-uzu u l-uzufrutt tad-dar tal-abitazzjoni tieghu, b’dak kollu illi jinsab fiha mill-ghatba ‘l gewwa, ‘a limine intus’, kollox inkluz xejn eskluz, inkluz ukoll id-drittijiet tal-inkwilini tal-istess dar. Gie pero’ eskluz minn dan il-prelegat l-oggetti tad-deheb, fidda u hagar prezzjuz kif ukoll flus,

titoli u dokumenti ohra rapprezentanti flus. Carmel Galea halla wkoll b'titolu ta' prelegat l-ammont ta' Lm700 kemm lil bintu Marlene Grech kif ukoll lil bintu Marion Azzopardi. Minn naha l-ohra lill-ibnu Joseph Galea, huwa hallielu biss il-legittima skont il-ligi. Sussegwentement, permezz ta' testment iehor maghmul minnu fit-18 ta' Lulju 2002 (Dok. CJ5), missier il-partijiet, Carmelo Galea, ghamel zieda fuq it-testment precedenti fejn iddikjara u spjega illi wara l-mewt ta' martu Josephine Galea huwa ta lil bintu, Maria Dolores Azzopardi u lil Maria Carmela Grech ghad ta' gojjelli li kienu jappartjenu lill-martu bhala kumpens ta' dak kollu illi ghamlu ma' ommhom. In oltre, huwa halla wkoll b'titolu ta' prelegat 'cosa altrui', dawn il-gojjelli lill-istess Maria Dolores Azzopardi u Maria Carmela Grech. Wara l-mewt tal-istess Carmelo Galea, uliedu Philip Galea, Salvatore Galea, Michelina Saliba u Raymond Galea, irrinunzjaw ghal sehmhom mill-wirt tal-istess (ara Dok. CJ6 u Dok. CJ7). B'daqstant, jifdal bhala werrieta tal-missier Alfred Galea (K.I. numru 239848M), Marion Azzopardi, Raymond Galea u Eugenio Galea.

4. Hija u minn dejjem kienet ix-xewqa tar-rikorrenti illi l-beni li gejjin mill-wirt tal-mejtin Carmelo u Giuseppa *sive* Josephine Galea jigu maqsuma skont il-ligi. Minkejja l-fatt illi r-rikorrenti interpellaw lill-intimati diversi drabi sabiex jersqu ghall-qasma tal-istess, dawn tal-ahhar baqghu inadempjenti. Dan l-istat ta' fatt ilu hekk fis-sehh tal-anqas sa' mid-data tal-mewt tal-missier, u fir-rigward tal-wirt imholli mill-omm, qabel dan.

5. Dawn il-fatti qeghdin jigu hekk dikjarati bil-gurament ta' Maria Carmela *sive* Marlene Grech.

Ghaldaqstant kellhom jigu mibdija dawn il-proceduri.

Jghidu ghalhekk l-intimati 'l ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni, direttiva u ordni meqjusa necessarja u opportuna:

1. Tillikwida l-assi konjugali ta' Carmelo u Giuseppa *sive* Josephine Galea;

2. Tordna d-divizjoni tal-assi f'zewg porzjonijiet ugwali u tassenja wahda lill-assi partikolari ta' Carmelo Galea, u l-ohra lill-assi partikolari ta' Giuseppa *sive* Josephine Galea;

3. Tillikwida l-assi partikolari ta' Carmelo Galea u tiddikjara li dawn jikkonsistu fil-porzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti lilu assenjata u f'dawk il-beni li jirrizultaw waqt dawn il-proceduri;

4. Tillikwida l-assi partikolari ta' Giuseppa *sive* Josephine Galea u tiddikjara li dawn jikkonsistu fil-porzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti lilha assenjata u f'dawk il-beni li jirrizultaw waqt dawn il-proceduri;

5. Taghti il-legati derivanti mill-assi partikolari ta' Carmelo Galea lil min huma spettanti, u timittihom fil-pussess tal-istess;

6. Taghti il-legati derivanti mill-assi partikolari ta' Giuseppa *sive* Josephine Galea lil min huma spettanti, u timittihom fil-pussess tal-istess;

7. Taqsam il-gid derivanti mill-assi partikolari ta' Carmelo Galea bejn dawk il-kontendenti li ghandhom jedd ghalihom skont il-ligi, u fis-sehem lilhom spettanti;

8. Taqsam il-gid derivanti mill-assi partikolari ta' Giuseppa *sive* Josephine Galea bejn dawk il-kontendenti li ghandhom jedd ghalihom skont il-ligi, u fis-sehem lilhom spettanti;

9. Taqsam il-gid li jirrizulta li huwa proprjeta' in komun bejn il-kontendenti jew min minnhom;

10. Taghti l-legati derivanti mill-proprjeta' in komun lil min huma spettanti, u timmittihom fil-pussess tal-istess;

11. Tinnomina, jekk thoss il-htiega, perit tekniku ghall-finijiet ta' likwidazzjoni u tat-thejjija ta' pjan ta' divizjoni;

12. Tordna, jekk thoss il-htiega, il-bejgh bil-licitazzjoni ta' dak kollu li ma huwiex komodament divizibbli, bl-ammissjoni, jekk ikun il-kaz, ta' oblaturi estraneji;

13. Tinnomina Nutar Pubbliku ghall-finijiet ta' pubblikazzjoni tal-att/i relattivi, jekk ikun hemm bzonn, u tahtar kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-eventwali kontumaci kull fejn mehtieg skont it-talbiet maghmula hawn fuq.'.

Rat ir-risposta guramentata tal-intimat Raymond Galea li taqra kif isegwi:

'Illi huwa rrinunzja ghal wirt taz-zewg genituri u mhux ta' missieru biss u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante li ma ghandux interess fil-kawza u ma ghandux ibaghati spejjez.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.'.

Rat ir-risposta guramentata tal-intimat Maria Dolores *sive* Marion Azzopardi u Eugenio Galea li taqra kif isegwi:

1. 'Illi **fil-konfront** tal-esponenti, dawn il-proceduri huma ghal kollox vessatorji stante li qatt ma kien hemm diffikulta ghall-**qsim** u **likwidazzjoni** tal-proprjeta kif indikat fir-rikors promotorju; **anzi** hemm qbil.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost kezisti wkoll korrispondenza f'dan ir-rigward kif ukoll saru laqat fejn kien hemm qbil li jsir il-**qsim** u **likwidazzjoni** tal-estates tal-genituri tal-partijiet.

3. Illi *di piu`*, l-esponenti qed jipprotestaw ghall-ispejjez tal-kawza stante li qatt ma kien hemm diffikulta u/ jew opposizzjoni ghall-qsim kif spjegat iktar kmieni. Illi jekk kien hemm xi opposizzjoni w/ jew nuqqas ta' qbil, dan zgur ma giex minn naha taghhom kif allegat biex b'hekk l-esponenti qed jinsistu li jigu ezonerati mill-ispejjez kollha

involuti kif pretiz u qed jinsistu li ma jaghmlux tajjeb ghan-nuqqas ta' terzi, u dan ai finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Salv. Risposta ulterjuri.'.

Rat ir-risposta guramentata tal-intimat Joseph Galea li taqra kif isegwi:

1. 'Illi l-esponenti mhuwiex qieghed joggezzjoni ghall-qasma kif proposta u qieghed jirrimettu ruhhu ghall-abbli decizjoni tal-Onorabbli Qorti;

2. Illi l-esponenti kull ma jmissu huwa l-legittima u huwa lest li jiehu dak li huwa dritt tieghu.
3. Illi l-esponenti mhu dovut jhallas ebda spejjes tal-kawza ghax dejjem ried li jsir il-qsim'.

Rat l-affidavits, xiehda, testmenti, noti ta' rinunzja, ricevuti, ritratti, dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat ir-rikors tal-intimat Raymond Galea ntavolat nhar is-7 ta' April, 2017 fejn permezz tieghu talab li invista tar-rikors guramentat u tar-risposta guramentata huwa jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju, rat ir-risposti tal-intimati u tar-rikorrenti, u rat li fis-seduta tal-1 ta' Gunju, 2017 fejn tela jixhed bil-gurament tieghu l-istess Raymond Galea u rat li fl-istess seduta Dr Carlos Bugeja pprezenta u qara nota ta' cessjoni fil-konfront ta' l-istess Raymond Galea u l-Qorti kif diversament preseduta ghaddiet sabiex astjeniet milli tiehu konjizzjoni aktar tat-talbiet fil-konfront ta' Raymond Galea;

Rat illi fil-verbal datat 30 ta' Gunju, 2021 il-kawza giet differita ghal-lum ghad-decizjoni bil-fakulta' tal-partijiet li jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet b'termini mposti fuqhom;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat;**

Illi din hija kawza ta' divizjoni tal-beni mobbli u mmobbli tal-mejtin Carmelo u Giuseppa sive Josephine konjugi Galea maghrufa bhala l-*actio familiae erciscundae* li mietu fit-23 ta' Marzu, 2004 u fit-3 ta' Ottubru, 2002 rispettivament.

Illi prattikament da parti tal-intimati u cioe' Maria Dolores sive Marion Azzopardi, Eugenio Galea u Joseph Galea (in kwantu dan tal-ahhar il-legittima spettanti lilu) m'oggezzjonawx ghall-qasma tal-beni tal-mejta Carmelo u Giuseppa sive Josephine konjugi Galea. Fil-mori tal-kawza rrizulta li l-intimat Raymond Galea kien irrinunzja ghall-eredita' tal-genituri tieghu u ghalhekk ir-rikorrenti fil-verbal tal-1 ta' Gunju, 2017 a fol. 60 tal-process, permezz ta' nota ta' cessjoni, cedew l-atti fil-konfront tieghu u l-Qorti ghaddiet sabiex astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet fil-konfront tieghu.

Illi dwar l-azzjoni *actio familiae erciscundae* fil-kawza fl-ismijiet **Emmanuela Jeffries et -vs- Raymond Jeffries et** deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla nhar it-28 ta' Novembru, 2013 inghad illi:

'Fost il-prinċipji li jirregolaw il-qasma ta' ġid in komun,

wieħed isib li (a) kull wieħed mill-komproprjetarji għandu jedd jieħu s-sehem tiegħu ta' ġid in natura, (b) f'kull sehem għandha tiddaħħal l-istess kwantita' ta' mobbli, immobbli, jeddijiet jew krediti tal-istess xorta u tal-istess valur u (ċ) li l-ishma hekk formati għandhom, bħala regola, jittellgħu bix-xorti jekk l-ishma li jkunu qegħdin jinqasmu jkunu ndaqs.'

Inghad ukoll mill-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Assunta Chircop -vs- Pawlu Calleja et** deciza nhar it-12 ta' Novembru, 1951 illi:

'Meta tigi ezercitata L-azzjoni ghall-qasma ta' assi ereditarju ghandu jingieb ghall-qasma dak kollu li jidhol f'dak l-assi, b'mod illi m'ghandu jibqa' xejn indiviz minn dak li jidhol f'dak l-assi. Ghalhekk, fil-likwidazzjoni preordinata ghall-qasma ghandhom jigu migjuba l-beni kollha formanti parti mill-assi; ghax divizjonijiet parzjali ma humiex permessi jekk ma jkunx hemm il-kunsens tal-kondividenti kollha li jhallu in komun xi haga li ghandha tkun espressament u partikolarment indikata. Ghaldaqstant jekk l-assi ereditarju li tieghu tintalab il-qasma jkollu sehem minn assi ohra li ghad ma gewx likwidati, dak l-assi ma jistax jigi likwidat u maqsum qabel ma ssir il-likwidazzjoni ta' dawk l-assi l-ohra biex jigi stabbilit is-sehem li minn dawk l-assi l-ohra jmiss is-sehem li tieghu tintalab il-qasma'.

**Ikkunsidrat ulterjorment;**

Fl-atti ma gewx ipprezentati ricerki testamentarji madanakollu minn dak li setghet tevalwa l-Qorti, d-decuius kienu rregolaw il-wirt u successjoni taghhom b'diversi testmenti fejn fost ohrajn

kienu hallew xi legati u nnominaw u istitwew lil uliedhom bhala werrieta universali taghhom.

Mill-atti esebiti, l-Qorti setghet tikkonkludi li l-wirt u successjoni tal-mejta Giuseppa sive Josephine Galea huwa regolat bit-testment tal-10 ta' Settembru, 1993 fl-atti tan-Nutar Joseph Scicluna fejn permezz tieghu barra l-prelegat mholli lil Alfred Galea nnominat u istitwiet bhala werrieta universali taghha lid-disa' (9) ulied fi kwoti ndaqs. Dan huwa l-uniku testment li gie esebit fl-atti u li fih kienet involuta Giuseppa *sive* Josephine (ara testment a fol. 5 *et seq* tal-process).

Jirrizulta li permezz ta' nota ta' rinunzja pprezentata nhar is-17 ta' Marzu, 2004 (cioe' ferm qabel il-kawza odjerna) Saviour Galea, Michelina Saliba u Philip Galea rrinunzjaw ghall-wirt u successjoni ta' ommhom Giuseppa *sive* Josephine Galea (ara nota ta' rinunzja a fol. 10 tal-process). L-istess ghamel Raymond Galea fejn permezz ta' nota ta' rinunzja ntavolata nhar id-19 ta' Dicembru, 2016 (ftit wara li giet intavolata l-kawza odjerna) irrinunzja ghall-wirt ta' ommu Giuseppa *sive* Josephine Galea (ara nota ta' rinunzja a fol. 23 tal-process). Ghalhekk jifdal bhala werrieta tal-omm Giuseppa *sive* Josephine Galea hamest ulied u cioe' Alfred Galea, Maria Carmela *sive* Marlene Grech, Maria Dolores *sive* Marion Azzopardi, Eugenio Galea u Joseph Galea. Ghalhekk is-sehem ta' kull wiehed u wahda minnhom mill-wirt u successjoni ta' ommhom huwa dak ta' 1/5 ta' 1/2 u cioe' l-kwota ta' 1/10.

Illi l-wirt u successjoni tal-mejjet Carmelo Galea gie regolat bit-testmenti tad-29 ta' Novembru, 2001 fl-atti tan-Nutar Victor John Bisazza u testment iehor tat-18 ta' Lulju, 2002 fl-atti ta' l-istess

Nutar Victor John Bisazza. Il-mejjet Carmelo Galea bl-ewwel testment tad-29 ta' Novembru, 2001 ikkostitwixxa prelegat favur ibnu Alfred Galea konsistenti fl-uzu u fl-uzufrutt tad-dar ta' abitazzjoni b'dak kollu li jinsab fiha mill-ghatba l-gewwa, inkluz ukoll id-dritt ta' inkwilinat tal-istess dar izda eskluzi mill-prelegat oggetti tad-deheb, fidda u hagar prezzjuz, titoli u dokumenti ohra rapprezentanti flus. Halla wkoll b'titolu ta' prelegat liz-zewg uliedu Maria Carmela sive Marlene Galea u Maria Dolores *sive* Marion Azzopardi s-somma ta' seba' mitt lira tal-munita l-antika (LM700) kull wahda u dan sabiex jikkumpenshom talli daru b'ommhom. Segwa billi stitwixxa bhala werrieta universali tieghu lit-tmien (8) uliedu u eskluda lil ibnu Joseph Galea li hallielu unikament il-legittima skont il-ligi (ara t-testment a fol. 11 *et seq* tal-process). Sussegwentement bit-testment tat-18 ta' Lulju, 2002, in addizzjoni mat-testment precedenti, huwa ddikjara li wara l-mewt ta' martu Giuseppa *sive* Josephine Grech huwa ghadda xi gojjelli lill-uliedu Maria Dolores Azzopardi u Maria Carmela Grech bhala kumpens ta' dak li ghamlu maghha meta kienet marida u ghalhekk halla b'titolu ta' *legato di cosa altrui* l-imsemmija gojjelli lill-imsemmija wliedu bniet (ara testment a fol. 14 tal-process).

Anki f'dan il-kaz, permezz ta' nota ta' rinunzja ntavolata fit-30 ta' Gunju, 2005 (ferm qabel il-kawza) Philip Galea, Saviour Galea u Michelina Saliba rrinunzjaw ghall-eredita' ta' missierhom Carmelo Galea (ara nota ta' rinunzja a fol. 16 tal-process). L-istess ghamel Raymond Galea permezz ta' nota ta' rinunzja ntavolata nhar il-25 ta' Ottubru, 2005 (wkoll ferm qabel il-kawza - ara nota ta' rinunzja a fol. 17 tal-process). Ghalhekk bhala werrieta tal-mejjet Carmelo Galea jifdal Alfred Galea, Maria Carmela *sive* Marlene Grech, Maria Dolores *sive* Marion Azzopardi u Eugenio Galea. Filwaqt li

Joseph Galea ghandu l-legittima spettanti lilu skont il-ligi. Ghalhekk is-sehem ta' kull wiehed u wahda minnhom mill-wirt u successjoni ta' missierhom huwa dak ta' 1/4 ta' 1/2 u cioe' l-kwota ta' 1/8.

**Assi in divizjoni:**

**1. Assi mmobbli**

Mill-atti rrizulta li ma kinitx tezizti proprjeta' immobbli ghad-divizjoni bejn il-partijiet. L-unika proprjeta' li kienet tezisti kienet ir-residenza tad-*decuius* Carmelo u Giuseppa *sive* Josephine konjugi Galea bl-indirizz Blk 16E, Flat 4 fi Triq il-Gendus, Cospicua. Madanakollu din il-proprjeta' ma kinitx taghhom stante li rrizulta li kienet proprjeta' tad-Dipartiment tal-Akkomodazzjoni Socjali liema fond gie ritornat lura lid-Dipartiment wara li l-partijiet gew interpellati sabiex jirritornaw ic-cwievet lura tal-fond permezz ta' ittra datata 22 ta' Frar, 2006 a fol. 197 tal-process. M'hemmx kontestazzjoni dwar dan bejn il-partijiet u ghalhekk assi mmobbli m'hemmx x'jigu divizi.

**2. Assi mobbli:**

Illi l-kawza prattikament giet intavolata sabiex jigu divizi xi mobbli konsistenti f'xi deheb, fided (silver plated), flus u ghamara li kienu proprjeta' tal-mejta Carmelo u Giuseppa konjugi Grech.

**3. Ghamara:**

Illi dwar l-ghamara rrizulta li uhud mill-partijiet gja ddisponew minnha billi parti mill-ghamara ttiehdet mill-partijiet filwaqt li r-rimanenti gew moghtija b'donazzjoni lid-Dar tal-Providenza. Fil-

fatt fl-atti giet ipprezentata ricevuta mahruga mid-Dar tal-Providenza a fol. 103 tal-process minn fejn jirrizulta li dawn nghataw tlett kmamar tas-sodda, kcina u kamra tal-pranzu. Fil-genb tal-imsemmija ricevuta mbaghad hemm notament bil-lapes li nghatat ukoll magna tal-hjata. Il-Qorti ma tistax tkun certa jekk effettivament il-magna tal-hjata nghatatx jew le lid-Dar tal-Providenza anki ghaliex l-Avukat tal-intimati jsostni waqt kontro-ezami li kien hu li nizzel in-nota bil-lapes filwaqt li r-rikorrenti Maria Carmela Grech sostniet in kontro-ezami li hija l-magna tal-hjata ratha ghand ohtha l-intimata Maria Dolores Azzopardi (ara fol. 209) u x'ghamlet biha wara ma tafx.

Illi r-rikorrenti Maria Carmela sive Marlene Grech fil-kontro-ezami taghha moghti fis-seduta tat-18 ta' Settembru, 2020 a fol. 199 *et seq* tal-process tixhed li hija kienet a konoxxenza tal-fatt li partijiet tal-ghamara kienet ser tinqasam, kif ukoll iddikjarat li m'hijiex interessata fihom. Hekk tixhed illi:

> 'Dr M Busuttil: "Niftakar li hadd minnha ma xtaq jikri garaxx u allura konna ftehmna li naqsmu l-ghamara bejnietna u kulhadd, (jigifieri jien, Marion u Gino) nzommu xi haga."
>
> Xhud: Li jiehdu xi haga iva imma mhux li naqsmu l-ghamara. In fatti l-ghamara kienet gabet trakk hi u haduha tal-Paci. Pero' jien ma rajthiex. Bhalma hi hadet, jien hadt u Gino ha, imma mhux li naqsmu l-affarijiet kollha ghax mhux l-affarijiet kollha nqasmu.
>
> Dr M Busuttil: "Apparti minn hekk ohti Marion kienet qaltli li tat xi ghamara lill-karita'." Naqblu?

Xhud: Qaltli hi. Mhux hekk hemm miktub! Hi qaltli.

Dr M Busuttil: X'inhuma l-affarijiet tal-karita'?

Xhud: Kmamar tas-sodda li kellha ommi. Dejjem kif qaltli hi. Il-kamra tal-pranzu. Affarijiet hekk.

Dr M Busuttil: Int ghandek dubju fuq dak li qed tghid hi?

Xhud: Le. Jien anqas jinteressani dawk l-affarijiet.'.

Illi mbaghad da parte ta' Michelina Saliba li qieghda tidher bhala prokuratrici ta' huwha Alfred Saliba qalet li hija saret taf li l-affarijiet ta' god-dar inqasmu ghaliex huha Gino Galea kien hadilha xi affarijiet ta' Alfred. Hekk xehdet illi:

'7. Wara il-mewt ta' missieri (u fejn bdiet il-kwistjoni kollha) sirt naf minghand ohti Marlene, li hija flimkien ma' huti Gino (Eugenio) u Marion, kienu mexxew xi ghamara li kien hemm fid-dar tal-genituri taghna u kienu sahansitra qasmu xi affarijiet ohra bejniethom – dan minghajr ma hasbu f'hija Alfred li sal-lum ghadu b'xejn. Nzid illi illum il-gurnata dawn l-affarijiet ma nafx ghand min qieghdin u x'sar minnhom. Ghalkemm jien qatt ma rajthom igorru l-affarijiet mid-dar, niftakar illi darba minnhom hija Gino kien gabli r-ritratt tal-precess tieghi u ta' Alfred flimkien ma' xi ritratti zghar ohra li kont nibghat lill-ommi meta kont l-Awstralja. Kien gabli ukoll *double casette*, *portable radio* u xi hwejjeg ta' Alfred.'.

Illi gjaladarba dawn l-oggetti gew disposti u ma tressqet l-ebda prova lil din il-Qorti dwar il-valur taghha, lanqas valur aprossimattiv, din il-Qorti ma tistax tqis li gie ppruvat lilha sal-grad rikjest mil-ligi li hemm xi ammont relattiv ghall-valur tal-ghamara in kwistjoni x'jinqasam. Anke jekk ghal grazzja tal-argument kellu jinghad li l-oggetti mobbli gew indikati fil-ktejjeb li gie esebit minn Maria Carmela sive Marlene Grech mal-affidavit taghha a fol. 38(a) *et seq* tal-process effettivament kif gia inghat fl-atti lanqas jirrizulta valur, prova li kellha tingieb lil din il-Qorti mir-rikorrenti. Ghaldaqstant il-Qorti tqis li mhux ser tikkunsidra li hemm ghamara in divizjoni.

**4. Flus:**

Illi dwar il-flus in divizjoni, r-rikorrenti tellghu bhala xhieda lir-rapprezentant tal-Bank of Valletta plc u lir-rapprezentant tal-HSBC Bank Malta plc minn fejn irrizulta li d-*decuius* Carmelo Grech kellu s-segwenti assi:

(i) kont Bank of Valletta plc f'isem Carmelo Grech li nghalaq f'2001 bl-ammont ta' Lm515.42 ekwivalenti ghal €1200.61 (ara statement a fol. 158 tal-process). Illi dan il-kont inghalaq meta Carmelo Grech kien ghadu haj ghalhekk ma jidholx fid-divizjoni tal-assi ghalkemm uhud minn dawn il-flus ser jigu ndikati taht flus kontanti.

(ii) kont HSBC Bank Malta plc f'isem Carmelo Grech li jidher li ghadu miftuh bl-ammont ta' €601.43 (ara statement a fol. 159 *et seq* tal-process).

Barra dawn il-flus fl-ammont ta' €601.43, jirrizulta li l-intimata Maria Dolores sive Marion Azzopardi ghandha xi flus kontanti fil-pussess taghha u dan kif gie ndikat fin-nota deskrittiva b'dan l-ammont ikun dak ta' €1,789.59. Hemm ukoll l-ammont ta' €480.04 li gew minn bejgh ta' ghamara. Illi ghalhekk l-ammonti ta' flus li jezistu ghad-divizjoni huma s-segwenti:

(i) €601.43
(ii) €1,789.59
(iii) €480.04
<u>Total ta' €2871.06</u>

**5. Deheb u fidda:**

In kwantu ghad-deheb li hemm in divizjoni l-Qorti tinnota li dawn gew indikati fir-ritratt a fol. 39 tal-process. Fl-atti ma tressqet l-ebda stima tal-imsemmi deheb u ghalhekk il-Qorti ma tistax tghaddi sabiex taqsmu hi personalment. Sabiex ma jkunx hemm l-ebda problema bejn il-partijiet fir-rigward il-qsim il-Qorti ser tghaddi sabiex tahtar lill-persuna kompetenti u cioe' lill-Michael Mizzi ta' The Gold Market sabiex jaghti valur ta' kull bicca deheb liema valur ghandu jsir billi jittiehed il-piz u jinghata prezz skont il-valur tal-gurnata sussegwentement jigu divizi f'hames boroz, li ghandhom ikollhom is-segwenti kwoti:

| | |
|---|---|
| (i) Alfred Galea | 9/40 |
| (ii) Maria Carmela sive Marlene Grech | 9/40 |
| (iii) Maria Dolores sive Marion Azzopardi | 9/40 |
| (iv) Eugenio Galea | 9/40 |
| (v) Joseph Galea | 1/10 |

Illi sabiex kull parti tiehu sehem ugwali ghandhom isiru l-ekwiparazzjonijiet kollha necessarji bejn il-partijiet billi jsir il-hlas tal-flus parti lill-ohra fejn ikun hemm bzonn.

L-istess ghandu jsir bl-oggetti tal-fidda jew ahjar 'silver-plated' li jirrizulta li kienu formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti bejn id-*decuius* bhala ghodda tax-xoghol ta' dulcier li kien jaghmel il-missier u jinkludu wkoll gandlier u 'cake-holder'. Dawn l-oggetti skont l-intimata Maria Dolores Azzopardi jikkonsistu f'madwar sebghin (70) bicca u parti minnhom jinsabu ghandha u ohrajn ghand l-intimat l-iehor Eugenio Galea fil-garaxx. Dawn l-oggetti ghandhom jingabru mill-espert nominat Michael Mizzi ta' The Gold Market u wara li jigu vvalutati ghandhom jinqasmu bejn l-eredi fl-ishma kif gia suesposti. A skans ta' ekwivoci uhud minn dawn l-oggetti jidhru wkoll f'diversi ritratti esebiti fl-atti fosthom a fol. 130 u fol. 231. Ma tressqet l-ebda prova ahjar u aktar konklussiva fl-atti.

**Ikkunsidrat ulterjoment ukoll:**

**Legat ta' deheb:**

Illi fir-rigward il-*legato di cosa altrui* konsistenti f'deheb indikat fit-testment tat-18 ta' Lulju, 2002 (a fol. 14 *et seq* tal-process) - kif jirrizulta fl-ewwel artikolu t-testatur Carmelo Galea ndika li d-deheb gja qieghed f'idejn Maria Dolores Azzopardi u f'idejn Maria Carmela Grech. Il-Qorti fliet il-kliem uzat fl-imsemmi artikolu minn fejn jirrizulta li t-testatur mexa mat-test tal-ligi fir-rigward legati simili u ghalhekk gjaladarba dan id-deheb gja jinsab f'idejn il-partijiet interessati l-Qorti mhux ser tinoltra oltre fuq il-kwistjoni

ghajr li ser tordna li jkun hemm l-immissjoni fil-pussess ta' dak li gia ghandhom f'idejhom.

**Deheb appartenenti lir-rikorrenti Alfred Grech:**

Tul il-process kollu Michelina Saliba l-prokuratrici tar-rikorrenti Alfred Grech tishaq li l-katina u c-curkett li jidhru fir-ritratt a fol. 130 tal-process li gew immarkati b'cirku u l-ittra 'H' huma proprjeta' ta' Alfred Grech stante li kienu nghataw lilu mill-genituri tieghu. Dan gie wkoll ikkonfermat mir-rikorrenti nnifsu Alfred Grech waqt ix-xiehda tieghu fis-seduta tal-1 ta' Frar, 2019 a fol. 132 *et seq* tal-process li stqarr li dawn inghataw lilu fil-birthday. Ghalkemm fl-atti ssemma li kien hemm ritratt fejn l-istess Alfred Grech jidher liebes l-istess katina u curkett dan ir-ritratt baqa ma giex mressaq fl-atti ghalkemm ir-rikorrenti jaghmlu referenza ghalih kemm-il darba. Madanakollu ghalkemm fl-atti l-prokuratrici Michelina Saliba ghamlet enfazi li dawn huma proprjeta' ta' Alfred Grech talba f'dan is-sens ma resqitx. Ghalhekk il-Qorti ma tistax tiehu in konsiderazzjoni din it-talba stante li tkun qieghda tezercita l-poteri taghha *ultra petita*.

**Ishma tal-partijiet:**

Illi kif gja riportati aktar il-quddiem jirrizulta li l-ishma li kull parti ghandha huma s-segwenti:

| | |
|---|---|
| (1) Alfred Galea | 9/40 |
| (2) Maria Carmela sive Marlene Grech | 9/40 |
| (3) Maria Dolores sive Marion Azzopardi | 9/40 |
| (4) Eugenio Galea | 9/40 |
| (5) Joseph Galea | 1/10 |

Jigi rilevat li l-intimat Joseph Galea ghandhu sehem izghar minn dak ta' hutu u dana peress li missieru l-mejjet Carmelo Galea hallielu biss il-legittima.

**Prelegat mholli lill-Maria Carmela sive Marlene Grech u Maria Dolores sive Marion Azzopardi:**

Illi d-*decuius* Carmelo Galea permezz tat-testment tad-29 ta' Novembru, 2001 fl-atti tan-Nutar Victor John Bisazza halla b'titolu ta' prelegat is-somma ta' seba' mitt lira tal-munita l-antika (Lm 700) kull wahda ekwivalenti fl-ammont ta' elf sitt mija u tletin ewro u sitta u hamsin centezmu (€1630.56) kull wahda liz-zewgt uliedu Maria Carmela *sive* Marlene Grech u Maria Dolores *sive* Marion Azzopardi bhala hlas ta' dak li ghamlu ma' ommhom Giuseppa *sive* Josephine Galea meta kienet marida.

Illi gjaladarba ma saret l-ebda opposizzjoni mill-partijiet il-Qorti ma tarax ghaliex ghandha tkun hi li tikser ix-xewqa tat-testatur Carmelo Galea. Ghaldaqstant il-Qorti ser tghaddi sabiex tilqa' din it-talba u tordna li l-ewwel li ghandu jigi mhallas huwa l-prelegat imsemmi fl-ammont ta' seba' mitt lira tal-munita l-antika (Lm 700) ekwivalenti fl-ammont ta' elf sitt mija u tletin ewro u sitta u hamsin centezmu (€1630.56).

Illi madanakollu jirrizulta li m'hemmx bizzejjed flus sabiex jithallas il-prelegat li jigi fl-ammont totali ta' tlett elef mitejn u wiehed u sittin ewro u tnax-il centezmu (€3261.12) stante li fondi tad-*decuius* hemm elfejn tmien mija wiehed u sebghin ewro u sitt centezmi (€2871.06) bid-differenza tkun dik ta' tlett mija u disghin ewro u sitt centezmi (€390.06). Ghalhekk sabiex ikun hemm

bizzejjed fondi sabiex jigi mhallsa dan il-prelegat, dan ghandu jsir billi l-oggett jew oggetti tad-deheb tad-*decuius* li huma l-aktar approssimattivi fil-valur ghall-ammont tad-differenza fis-somma ta' tlett mija u disghin ewro u sitt centezmi (€390.06) jigi mibjugh jew mibjughin sabiex il-legati jigu sodisfatti. Dan ghandu jsir qabel il-bqija tad-deheb jigi spartit bejn l-eredi kif gia suespost.

**Legittima spettanti lill-intimat Joseph Galea:**

L-intimat Joseph Galea bhala t-tieni eccezzjoni tieghu jeccepixxi li huwa lest li jiehu dak li huwa dritt tieghu u dan b'referenza ghall-porzjoni riservat mill-ligi. Il-Qorti tirrileva li da parti tal-intimat Joseph Galea ma saret l-ebda kontro-talba fejn permezz taghha talab li tigi likwidata u mhallsa s-sehem riservat. Ghalhekk il-Qorti ma tistax tghaddi sabiex tikkunsidra din it-talba mressqa f'forma ta' eccezzjoni.

**Bejgh bil-licitazzjoni:**

Illi l-Qorti tirrileva li l-valur ta' din il-kawza huwa wiehed verament minimu u ghalhekk ma tqisx li l-bejgh bil-licitazzjoni tad-deheb u l-fidda huwa t-triq fl-ahjar interess tal-partijiet. Ghalhekk din il-Qorti ser tghaddi sabiex bhal ma nghad precedentement fis-sezzjoni 'Deheb u fidda' tahtar lil Michael Mizzi ta' The Gold Market sabiex jaghti valur ta' kull bicca deheb liema valur ghandu jsir billi jittiehed il-piz u jinghata valur skont il-valur tal-gurnata jaghmilhom f'boroz kemm jista jkun ta' l-istess valur fil-kwoti ndikati precedentament u fejn ikun hemm bzonn jsir l-ekwiparazzjoni.  L-istess ezercizzju ghandu jsir ghall-oggetti tal-fidda jew kif ahjar deskritta 'silver plated' skont x'jirrizulta lill-espert.

**<u>Decizjoni:</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza odjerna kif isegwi:

1. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet fir-rigward tal-intimat Raymond Galea;

2. Tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-intimati;

3. Tilqa' l-ewwel talba u tillikwida l-assi tal-konjugi Carmelo u Giuseppa *sive* Josephine konjugi Galea bhala dawk indikati aktar il' fuq f'din id-decizjoni fis-sezzjoni 'Assi in divizjoni:';

4. Tilqa' t-tieni, it-tielet, ir-raba', s-seba' u t-tmien talba u taqsam il-gid derivanti mill-assi partikolari ta' Carmelo Galea u Giuseppa *sive* Josephine Galea bejn dawk il-kontendenti fuq indikati, u fis-sehem lilhom spettanti hekk kif indikati taht is-sezzjoni '**<u>Ishma tal-partijiet:'</u>**;

5. Tilqa' il-hames talba u l-ghaxar talba u taghti l-legati derivanti mill-assi partikolari ta' Carmelo Galea lil Maria Dolores *sive* Marion Azzopardi u Maria Carmela *sive* Marlene Grech, fl-ammont ta' seba' mitt lira tal-munita l-antika (Lm 700) ekwivalenti fl-ammont ta' elf sitt mija u tletin ewro u sitta u hamsin centezmu (€1630.56) u timittihom fil-pussess tal-istess. Ma jirrizultawx legati ohra da parti tad-*decuius* Giuseppa *sive* Josephine Galea;

6. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-sitt talba stante li mill-atti jirrizulta li m'hemmx legati dovuti derivanti mill-assi

partikolari ta' Giuseppa *sive* Josephine Galea ghajr dak imholli lil Alfred Galea tal-uzu u l-usufrutt tad-dar residenzjali li llum huwa ezawrit stante li l-partijiet irritornaw il-fond lid-Dipartiment tal-akkomodazzjoni;

7. Tilqa' d-disa' talba u taqsam il-gid li jirrizulta li huwa proprjeta' in komun bejn il-kontendenti kif fuq indikat u ordnat;

8. Tilqa' l-hdax il-talba u tinnomina bhala perit tekniku ghall-finijiet ta' likwidazzjoni u tat-thejjija ta' pjan ta' divizjoni lil Michael Mizzi ta' The Gold Market sabiex jivvaluta u jaqsam id-dehem u l-fidda kif fuq indikat f'din id-decizjoni bejn il-partijiet wara li jigu sodisfatti l-legati kif ordnat minn din il-Qorti;

9. Tichad it-tnax-il talba stante li m'hemmx lok ta' bejgh bil-licitazzjoni;

10. Tilqa' it-tlettax-il talba u f'kaz li jkun hemm il-htiega tinnomina lin-Nutar Pubbliku Dr Gertrude Farrugia Wismayer ghall-finijiet ta' pubblikazzjoni tal-att ta' immissjoni fil-pussess, u tahtar lil Dr Alexander Scerri Herrera bhala kuratur deputat sabiex jirraprezenta lill-eventwali kontumaci kull fejn mehtieg skont it-talbiet maghmula hawn fuq.

Stante li din hija kawza dwar divizjoni ta' wirt u stante li mill-atti rrizulta li kien hemm nuqqasijiet mill-partijiet kollha eredi sabiex finalment huma jaslu ghal ftehim, tant li n-nuqqas ta' ftehim wassal ghall-kawza odjerna nonostante l-valur ferm minimu ta'

din l-eredita', l-Qorti tqis li l-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu sopportati skont is-sehem rispettivi tal-partijiet kollha eredi tad-*decuius* li ma rrinunzjawx u ghalhekk eskluz l-intimat Raymond Galea. L-istess ordni qed tinghata dwar l-ispejjez tal-espert nominat Michael Mizzi ta' The Gold Market.

Tordna komunika lil Michael Mizzi ta' din id-decizjoni malli tigi *res judicata.*

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**25 ta' Novembru, 2021**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**25 ta' Novembru, 2021**